## IŻ-ŻEFFIENA

*Daqq nofs il-lejl. Barra, fit-triq, ix-xita*
*nieżla mar-riħ li qam.*
*Tleħħ berqa ħin bla waqt, u l-ħitan jidhru*
*qishom uħux fid-dlam.*

*Imma minn bejn ix-xquq ta' tieqa jfiġġu*
*bħal sriebet twal id-dwal.*
*Minn ġewwa s-sala ħierġa ilħna ħienja*
*bil-għors tal-Karnival.*

*Hemm ġew hemm ħajja oħra bl-hena mfawra,*
*il-ħajja ta' bil-lejl,*
*fis-sokor tat-tgawdija ħadd ma jara*
*il-ħin maħrub għaddej.*

*Ix-xorb jitla' għar-ras, l-imħuħ jitjassru*
*f'telqa ta' bluha w ferħ,*
*fit-tazza tħammar ta' l-inbid li jhenni*
*il-qalb issib is-serħ.*

*Fost qabda żgħażagħ, f'nofs is-sala, tiżfen,*
*taqbeż tintlewa ddur,*
*Tfajla żeffiena, kollha ħeġġa w saħħa,*
*ħafifa daqs għasfur.*

*U ż-żgħażagħ imsaħħrin iċapċpu w jgħannu*
*mitlufa fit-tbaħrid,*
*reħa r-rażan tal-kliem u tal-mistħija,*
*il-ġenn qiegħed iżid.*

*Barra, fit-triq, ix-xita għadha tagħti,*
*l-arloġġ daqq is-sagħtejn,*
*kulħadd telaq għal riħu — ġewwa s-Sala*
*ma baqa' ħadd u xejn.*

*U marret iż-Żeffiena, iżda minn qalbha*
*kull ferħ li ġarrbet tar.........*
*lil bintha ċkejkna li ħalliet warajha*
*sabitha, fgata, id-dar.*

20/2/50.